MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 418/1997/1

**Avviz Nru 418/97 – DM**

**Micallef Insurance Agency Ltd bhal agent tas-socjeta assiguratrici estera Independent Insurance Company Ltd kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Zammit**

**vs**

**Joseph Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240) in linea ta' danni minnhu kagunati fil-vettura 0-7259 tal-assigurat taghha, meta hu habat mal-istess vettura fil-waqt li kien qed isuq A-7767 nhar l-24 ta' Jannar, 1996, fil-Marsa, ghal liema kollizzjoni hu

unikament responsabbli stante imperizja negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u ghal liema danni kellha taghmel fronti is-socjeta attrici in vista ta' polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' u liema tinsab surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi, prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta unika tieghu ghall-incident 'de quo'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsulti (Lm10) tal-ittri interpellatorja datati 29 ta' Frar, 1996, u 28 ta' Marzu 1996, u tal-ittra ufficjali datata ta' Frar, 1997, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Scerri fejn eccepixxa illi:-

1 Huwa ma ghandux jinzamm responsabbli ghal-incident imsemmi fl-avviz, u dana peress illi huwa fil-mument tal-istess kien qieghed ipparkjat, u lanqas biss kellu l-magna tal-karrozza tieghu startjata;
2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi filwaqt illi is-sewwieqa tal-vettura assikurata mal-atturi issostni illi kienet giet milquta fuq il-gemb tax-xellug minn vettura illi rriversjat minn fejn kienet ipparkeggjata waqt li kienet ghaddejja hdeja, il-konvenut isosstni illi ghalkemm huwa kien fil-karrozza tieghu, il-karrozza tieghu kienet ghanda ma ghamlet l-ebda moviment, infatti kien ghandu lanqas biss ha il-posizzjoni biex jibda isuq.

F'dan il-konvenut kien gie ikkorraborat min binthu Monia Vassallo illi kienet prezenti dak in-nhar illi s-sewwieqa Joan Zammit allegat illi giet milquta mill-vettura ta' Joseph

Scerri missierha, u din l-istess Monia Vassallo ikkonfermat illi l-vettura ta' missierha meta giet milquta ma kienet b'ebda mod iccaqqalqet mill-post fejn kienet ipparkeggjata u cioe, bil-quddiem taghha mal-bankina li kien hemm fuq ix-xellug tal-vettura ta' Joan Zammit izda mhux kif allega Joan Zammit izda djagonalment ghall-istess bankina.

Il-verzjoni ta' Joan Zammit giet pero' korroborata minn zewg passiggieri li kellha maghha li permezz ta' affidavit kienu ddikjaraw illi l-vettura ta' Joseph Scerri il-konvenut kienet effettivament irriversjat.

Ghalhekk minn dawn il-verzjonijiet kontra dittorji l-Qorti trid tara jekk l-atturi waslux ghal prova illi l-verzjoni ta' Joan Zammit hija iktar vero simili minn dik tal-konvenut.

Ix-xhud indipendenti Ps 489 George Attard issosstni illi meta mar fuq il-post kien sab il-vettura biss ta' Joan Zammit, meta l-konvenut Joseph Scerri u Monia Vassallo isosstnu illi wara l-incident kienet Joan Zammit li telqet l-ewwel minn fuq il-post. Min-naha l-ohra pero, Joan Zammit isosstni illi qabel il-habta kienet lahqet innotat il-vettura tal-konvenut qieghdha tisposta ruhha b'lura ghan-nofs it-triq u billi l-vettura tal-konvenut kienet fuq in-naha tax-xellug taghha setghat innotat dan bil-fors meta kienet ghada, iktar lura mill-post fejn sehh l-incident.

Dan il-fatt jista' wahdu jindika wkoll imperizja da parti ta' Zammit li tibqa tipprocedi fit-triq tenut kont anke tal-vetturi pparkeggjati fuq in-naha tal-lemin taghha u meta kienet qieghed tipprocedi go *cul de sac* .

Izda dawn il-fatturi wahedhom ma jaghtu ebda kredibilita' lill-verzjoni wahda iktar mill-ohra u ghaldaqstant issib illi l-atturi ma rrnexxielhomx jipprovaw b'mod sodisfacenti illi l-kollizzjoni kienet ir-responsabbilta' tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg  Civ48